KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

14 ta' Frar 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sebgha u Sittin (67) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-**Sebgha u Sittin (67)** Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 8 ta' Frar 2012 fil-5.15 pm.**

Is-**Sebgha u Sittin (67) laqgħa** tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Ghazla ta Offerti:
   KLF/Q/1/2012 – Supply and Installation of Cast Iron Bollards
   KLF/Q/2/2012 – Printing of Booklet: Hidmet il-Kunsill Lokalia Floriana 2007-2012
6. Estimi Finanzjarji Ghas-sena 2012
7. Gardmed – Investiment fil-Gonna
8. Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
9. Talba ghall-Promozzjoni fl-iskala – Ms Fiona said
10. Servizz ta` Handyman
11. Ħwejjeg Oħra
12. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-Sebgha u Sittin (67) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Il-laqgha bdiet fil-5.30pm minhabba nuqqas ta' kworum.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sitta u sittin (66) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand The Scout Association of Malta fejn talbu permess biex juzaw il-Fosos matul il-parata annwali nhar is-6 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn talbu lill-Kunsill biex jiffinanzja xi spejjez relatati ma restawr ta Kurcifiss antik, u l-party tat-tfal tal-Milied. Il-Kunsill ma setax jilqa din it-talba minhabba restrizzjonijiet fil-ligi.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jergghu johorgu l-ktieb tal-festa intitolat "Ktieb ta' Storja u Festa" u offrew lill-Kunsill jippubblika riklam fil-pagna ta' wara ghall-prezz ta' €400. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu jikkonferma li l-ispiza ma teccediex dik imhallsa ghar-riklam fil-ktejjeb tas-sena l-ohra.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill jippartecipa fil-festa. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li l-ispiza m'ghandiex teccedi dik tal-kirja tas-sena l-ohra.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kazin Laburista tal-Floriana fejn talbu l-permess tal-Kunsill ghall-attivita' li jixtiequ jaghmlu nhar is-16 ta' Frar 2012 quddiem il-kazin. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni dejjem jekk jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-Pulizija.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Malta Now Ltd fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jaghmlu xi stands bil-gazzetti fuq il-bankini. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda qabel li ghandu jitlob fejn ser jitpoggew dawn l-istands.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill jirriklama fil-ktejjeb tal-festa, total ta' €400. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill jippartecipa mal-ghaqda, kemm fil-marc li jsir mal-purcissjoni tal-vjatku kif ukoll il-marc li jsir mal-hrug tal-vara f'Jum il-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda qabel li l-ispiza ma teccediex dik li ntefqet is-sena l-ohra ghall-istess ghan.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kont minghand Karl De Flavia fejn talab hlas ghall-qlugh tal-hgiega tal-partition. Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas dan il-kont biss jekk jinkludi fih il-qlugh tal-hgiega l-ohra minhabba ragunijiet ta sahha u sigurta`.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-kunsill biex F'Jum il-Floriana jippartecipa fil-kommemorazzjoni tas-70 Sena mit-tigrif tat-2 gwerra dinjija, billi jiehu sehem fil-publikkazjoni ta ktejjeb, li jinbieh mill-kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jitlob li jiltaqa' maghhom il-gimgha ta' wara.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Community Mental Health Clinic fejn talbu li l-Kunsill jipprovdilhom ammont ta' parkeggi riservati quddiem il-klinika. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkoncedi spazju ta' parkegg wiehed kif permess mil-ligi.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Leon Promotions fejn offrew lill-Kunsill jinnomina lil xi individwu ghall-Premju Nazzjonali Haddiem tas-Sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra lil min jista' jinnomina.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sinjorina Debono fejn talbet permess biex ittella' tinda quddiem il-knisja ta' Sarria li ser tintuza biex isir festin zghir wara t-tieg. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni dejjem jekk jinkisbu l-permessi necessarji mill-Pulizija u mill-iSkola Primarja.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li peress li z-zmien kien qed igerbeb, kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jibda jahseb fil-lista ta' personalitajiet li ser jigu onorati f'Jum il-Floriana. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jonora lil Paul Bonnett (referee internazzjonali), lil Gerard James Borg (kompozitur tal-lirika, rebbieh ta' hafna festivals), lil Ruggieru Friggieri (plejer furjaniz), lil John Lopez (tenur), lil Sir Hannibal Scicluna (maghruf f'diversi oqsma) u lis-Sur Henry Frendo (storiku). Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata xi jiem cans sabiex jikkonkludi din il-lista.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Primary Health Care Department fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jigu organizzati xi talks dwar is-sahha. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenzi minghand il-Malta Basketball Association: talba ghal hlas ta` kiri ta Gym, reklamar fuq il-billboard, u charge ghaz-zamma tal-istatistika tal-loghobiet, total ta' €482. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-memento li nxtara ghaz-zjara tal-President George Abela u saqsiet ghalfejn ma kienux gew informati l-kunsilliera kollha bix-xiri ta' dan. Is-Sindku wiegeb li dan gara fid-dawl tal-fatt li il-kunsill gie infurmat li kien se jkun hemm tpartit ta Mementos, fl-ahhar jiem, meta ircieva il programm taz-zjara. Peress li nxtara lejn l-ahhar, ma kienx hemm cans li jigu nformati l-kunsilliera kollha.

## <u>4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **61-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili , ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10171 sa 10241, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, SSH, FD, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 18:27 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici-Sindku Franco Davies ippresieda l-laqgha.**

## 5.0 Ghazla ta Offerti:

**Nota: 18:30 Is-Sindku Nigel Holland rega attenda ghal-laqgha.**

***Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah l-offerti fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores u l-membri Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.***

### 5.1 FLC/Q/1/2012 – Supply and Installation of Cast Iron Bollards

5.1.1 Il-Kunsill iddiskuta l-offerti u qabel b'mod unanimu li jitlob kampjun lill-irhas offerent qabel ma tittiehed decizjoni finali.

### 5.2 KLF/Q/2/2012 – Printing of Booklet: Hidmet il-Kunsill Lokali Floriana 2007-2012

5.2.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel l-offerta' ta' Michael Deguara obo. Color Image fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, FD, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 6.0 Estimi Finanzjarji Ghas-sena 2012

6.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jipprezenta l-Estimi Annwali 2012 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li l-allokazzjoni tal-Kunsill mill-Gvern Centrali ghal din is-sena hija ta' €327,106 u id-dhul mic-citazzjonijiet naqas drastikament. Wara li jitnaqqsu l-ispejjes rikorrenti, jibqa approssimament €46,000 ghal progetti kapitali, apparti progetti li se jsiru taht skemi dedikati.

6.3 Wara diskussjoni dwar l-Estimi Annwali 2012 u l-Pjan ta' Hidma, il-Kunsill ippropona li jintefqu €40,000 al Triq il-Miratur, €3,000 ghall bollard godda fi triq il-Konservatorju. Dawn Ghandom jigu konfermati wara il-laqgha tal-lokalita`.

6.4 Gie irrimakat ukoll, li hemm budget ta €50,000 allokata ghal tisbieh fil-godda taht il-progett GARDMED, u €75,000 ghal tisbih fil-Housing Estates mill Awtorita` tad-Djar.

6.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk il-locality maps li kien installa xi ftit taz-zmien ilu kellhomx ikunu jixghelu, u jekk iva ghandu jiehu hsieb jikkuntattja lill-kuntrattur biex dawn jibdew jinxtelu.

**Nota: 19:08 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 7.0 Gardmed – Investiment fil-Gonna

7.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fuq fuq f'dak li jikkonsisti fih dan il-progett.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi spjega x'inhu l-iskop ta' dan il-progett u nforma li bhala parti minn dan il-progett, il-Kunsill kien gie allokat somma flus li trid tintefaq ghall-investiment fil-gonna tal-Floriana. Ghalhekk il-Kunsill kellu jiddiskuti u johloq pjan ta' kif ghandha tintefaq din l-allokazzjoni.

**Nota: 19:12 Il-Kunsillier Edward Torpiano irritorna ghal-laqgha.**

7.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi li l-allokazzjoni tintefaq kif gej, f'ordni ta preferenza:- manutenzjoni tal-hajt li hemm fi Gnien Preziosi; fabrikazzjoni ta` gazebo tal-injma fi Gnien Preziosi; zieda ta' bankijiet faccata ta' xulxin fic- Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V; bidla tal-hamrija ta' Gnien Preziosi u twahhil ta' fanali godda fil-gonna ta' fuq is-sur partikolarment fl-entratura tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

## 8.0 Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

8.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi qal li jidher li kollox kien miexi sew ghall-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

8.2 Huwa kompla jghid li d-decizjoni li din is-sena l-festival ma jsirx fuq bazi ta' kompetizzjoni, jidher li giet milquggha sew fost il-partecipanti, u l-Kunsill kien ser jonfoq l-istess ammont tas-snin imghoddija.

8.2 Il-Kunsill qabel li l-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat ghandha tittella' nhar il-21 t'April 2012.

## 9.0 Talba ghall-Promozzjoni fl-iskala – Ms Fiona said

9.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega din il-materja f'iktar dettall.

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-iskrivana Ms. Fiona Said kienet talbet promozzjoni ghal skala hdax.

9.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano, u ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur din it-talba, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, SSH, FD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Servizz ta` Handyman

10.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jiftah id-diskussjoni peress li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

10.2 Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi fakkar fil-proposta li l-Kunsill jimpjega handyman. Huwa zied jipproponi li din il-materja tigi posposta peress li l-Kunsillier Vincent Borg ma kienx prezenti.

## 11.0 Ħwejjeg Oħra

11.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill bl-offerta' biex il-Kunsill jiehu hsieb jikri tinda ghall-jiem tal-Karnival u pproponiet li minflok, il-Kunsill jiehu hsieb is-sawnd tal-karrijiet tal-Karnival, li jammonta ghal €1162. Il-Kunsill ma qabilx u qabel li ghandu jippartecipa biss billi jikri tinda kif mahsub originarjament

11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-kwotazzjoni li talab sabiex isiru hologram stickers li jintuzaw ghall-permessi l-godda taht l-iskema ta' parkegg residenzjali, total ta' €300. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 19:55 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

11.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill b'dak li gie diskuss fil-laqgha li kellu mar-Road Infrastructure Directorate fejn gie spjegat f'ikar dettall dak li kien mahsub isir fi Triq Nazzjonali u fi Crownworks Ditch.

**Nota: 20:00 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**

11.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bit-talba ta' wiehed mis-sidien tal-gabbani li jarmaw fil-Karnival fejn talab lill-Kunsill biex jigi rilokat peress li xi zmien ilu kien gie rilokat minhabba l-ftuh tal-Ambaxxata Amerikana. Minhabba li issa l-Ambaxxata Amerikana kienet ghalqet, huwa talab li jerga jinghata post fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob il-parir tal-Pulizija u jistaqsi jekk din il-posta gietx rilokata ghar-ragunijiet imsemmija u jekk iva, jistax jerga' jigi rilokat fil-post li kellu precedentement.

## 12.0 Aġġornament tal-laqgħa

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 17 ta' Frar fl-4.00pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.25.

Nigel Holland<br>Sindku

Svetlick J. Flores<br>Segretarju Ezekuttiv